# BIBLIJOGRAFIJA

DUN P. P. GRIMA—*Ġuditta u l-Profeta Jonah*—Salesiani 1928.

Dawn iż-żewġ kotba li ħarġu dan l-aħħar, huma ta' fejda u sbieħ ħafna u li jkomplu jsebbħu l-ġawhra ta' Kotba Mqaddsa bil-Malti li s-sur Fons qiegħed tant jagħraq u jixraq għalihom. Nafu wkoll li s-sur Fons għandu taħt l-istampa xi kotba oħra. Kuraġġ dejjem!

Issa waslilna wkoll il-*Ctieb ta' Ġobb* tas-sur Fons. Ismu biss iħajrek taqrah. Ktieb interessanti u jmissu jaqrah u jixtarru kullħadd.

* * *

G. VASSALLO—*L'Ortografia Maltese*—Empire Press 1928.

Is-sur Ġann Vassallo, Membru tal-Kumitat tal-*Għaqda* tagħna, dak li, żmien ilu, ħareġ il-*Muftieħ tal-Chitba Maltija*—ktieb li ħadd ma jaf igħid sewwa x'ġid għamel lil l-Ortografija Maltija—issa ħareġ dan il-ktieb l-ieħor bit-taljan. Jiswa ħafna dan il-ktieb biex dawk li ma tantx jafu bi lsienna, imma li jħossu ruħhom miġbuda lejn il-Malti u jitgħallmu jew jagħmlu l-istudji tagħhom fuqu, isibu xi jgħinhom. Nifirħu bil-qalb lill-ħabib tagħha Ġanni Vassallo ta' dan ix-xogħol u nirrikmandaw lill-Qarrejja tagħna li jakkwistaw wieħed minn għand Scortino tal-kotba.

* * *

P. P. SAYDON—*Il-Ġenesi*—Empire Press 1929, pp. XVI—85.

Aħna u qiegħdin nistampaw dan il-Għadd ta' IL-MALTI, xi ftit bir-ritard, waslilna l-ewwel Ktieb tal-Kotba Mqaddsa li qiegħed jaqleb bil-Malti ir-Rev. P. P. Saydon. Għoġobna ħafna il-format u t-taqsim tiegħu, għoġbitna l-ortografija li hija tal-"Għaqda" tagħna, iżda għoġobna iżjed it-test li l-awtur, biex ikun eżatt kemm jista' jkun, għen ruħu minn fuq it-test oriġinali. Warajh jiġu kotba l-istess format l-istess gost li, illegat flimkien, ikunu jagħmlu ġieħ cbir lir-Reliġjon u lill-Patrja.

* * *

*Strina tal-Missjoni tal-Patrijiet Cappuccini Maltin.*—Empire Press 1929.

Niżżuħajr lill-Patri Nicola Kappuċċin ta' dan il-ktieb sabiħ bil-Malti li għoġbu jibgħatilna. Stampat pulit ħafna u miktub b'ortografija li, għad li ma hix eżatta għal kollox, tersaq ħafna lejn is-sewwa. Tieħu pjaċir tara min jersaq lejn l-ortografija t-tajba, għax pass il-lum, pass għada fl-aħħar tasal. Sbieħ ukoll l-erba' artikoli li fih: itik li taqrahom f'nifs. Tista' tikseb wieħed minn għand il-Patrijiet Kappuċċini.

S.

# IL-WERREJ

## TAR-RABA' SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| Il-Belt (Valletta) . . . . . . | T.Z. | 3-33 |
| Kif insabet il-Kitba u l-Alfabet . | P. S. M. Zarb O. P. | 6 |
| Il-Għanja tal-Għid . . . . . | Sajdun | 12 |
| Nofs-inhar Sajfi . . . . | Rosario Briffa | 14 |
| Niċeċ u Statwi . . . . | Ġużè Gatt | 15-45-112 |
| Minn kien Jusef . . . . . . | G. B. | 17 |
| L-Hinn min-Natura hemm Alla . . | Dun Karm | 22 |
| Il-flus tal-ħares . . . . . | T. Z. | 23 |
| Alla! Alla! . . . . . . | C. M. B. | 26 |
| Tqassir għall-Kitba Maltija . | Fredu Nicholas | 27-59-123 |
| Mistoqsijiet u tweġibiet . . . . | A. C. | 32 |
| Il-Vokali tal-Verb Malti . . . . | Sajdun | 36 |
| Santa Liena fil-Gżejjer tagħna . | G. Dimech De Bono | 40 |
| Għal Professjoni ta' Soru . . . | Dun Pawl | 44 |
| Kelb rieqed la tqajmux . . . . | T. Z. | 47 |
| Lil Ommi . . . . . . | C. M. G. | 49 |
| Id-Daħla ġo l-Imdina tal-Gran Mastru Zondadari . | Dr. G. Busuttil | 50 |
| Min sab l-ewwel Magna tal-Ħjata . | Gejtan Grixti | 55 |
| Il-Madonna taz-Zuntier . . . . | B. | 58 |
| Kif bdiet u mxiet il-Għaqda . . | F. S. Caruana | 62 |
| Kotba tal-Bibbja bil-Malti . . . . | S. | 64 |
| Il-Kungress ta' l-Orjentalisti f'Oxford . . | | 65 |
| Ġnien is-Sultan . . . . . . | T. Z. | 71 |
| Il-Ġnien Botanku f'Malta . . . . | P. | 73 |
| Is-Semin u l-lsien tagħhom . . | P. S. M. Zarb O.P. | 75 |
| Annibale Preca . . . . . . | Alf. M. Galea | 77 |